V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10408 — AIP / ALVANCE DUFFEL TARGET BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 296/04)

1. Fis-26 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— American Industrial Partners Capital Fund VII, LP (Cayman), fond ta' investiment ġestit minn American Industrial Partners (l-Istati Uniti tal-Amerka) (kollettivament imsejħa "AIP"),

— ALVANCE Aluminium Duffel (il-Belġju).

AIP takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' ALVANCE Aluminium Duffel kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AIP hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq ix-xiri u t-titjib ta' negozji industrijali, Mill-2020, l-AIP hija proprjetarja ta' Commonwealth Rolled Products, li tħaddem faċilità ta' prodotti rrumblati tal-aluminju b'attivitajiet fl-Istati Uniti tal-Amerka. AIP hija wkoll proprjetarja u tikkontrolla sa mill-2021, Aluminium Dunkerque, produttur tal-aluminju primarju, li tħaddem funderija tal-aluminju f'Loon-Plage qrib Dunkerque (Franza);

— ALVANCE Aluminium Duffel hija produttur Ewropew ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti (flat rolled products, "FRPs"). Hija tħaddem impjant tal-aluminju fil-Belġju, li jipproduċi folji tal-aluminju għall-karozzerija (automotive body sheets, "ABS"), FRPs għall-iskambjaturi tas-sħana (heat exchangers, "HEX"), u FRPs standard bħall-koljaturi tal-aluminju industrijali u l-prodotti tal-folji użati fil-bini u fil-kostruzzjoni, fit-trasport kummerċjali u fi standard ieħor.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10408 — AIP / ALVANCE DUFFEL TARGET BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË